# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tad-9 ta' Novembru 2023**

**Talba nru. 350/2021**

**PAUL ZAMMIT (K.I. 392956 (M))**

***VERSUS***

**MARTIN CHETCUTI (K.I. 560645 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2021 (a fol 1 et seq), l-attur talab l-ammont ta' elf u erba' mija u ħamsin Ewro (Eur 1450.00) rappreżentanti s-somma ta' elf Ewro (Eur 1000.00) bħala rimbors ta' depożitu li l-attur kien ħallas lill-konvenut għal diversi xogħolijiet li kellhom isiru u parts li kellhom jinxtraw għall-magna ta' dgħajsa '680' tad-ditta Leyland u s-somma ta' erba' mija u ħamsin Ewro (Eur 450.00) għal tliet magni li kienu mgħoddija mill-attur lill-konvenut.

Ra illi fil-5 ta' Jannar 2022 il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 8).

Ra illi l-konvenut ippreżentat ir-risposta tiegħu fl-20 ta' Jannar 2022 (a fol. 9 sa 11).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fis-26 ta' Settembru 2022, l-attur għalaq il-provi tiegħu (a fol. 41).

Ra illi fis-7 ta' Novembru 2022, il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 52).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-ftehim bejn l-attur u l-konvenut kien sabiex isiru xi xogħolijiet fuq magna ta´ dgħajsa 680 tad-ditta Leyland. Id-diżgwit bejn il-partijiet huwa dwar l-ammont ta´ elf Ewro u l-magni illi kellhom jintużaw sabiex isiru dawn ix-xogħolijiet fuq il-magna ta´ dgħajsa hawnhekk imsemmija.

L-ammont ta´ elf Ewro (Eur 1000)

L-attur qal illi l-konvenut kellu jaħdem fuq il-magna 680 tad-ditta Leyland u fejn il-konvenut kien ipprovda l-*quotation* ta´ elf u ħames mitt Ewro (Eur 1500) (a fol. 4). Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attur kien ivversa l-ammont ta´ elf Ewro (Eur 1000) lill-konvenut. Il-punt ta´ kontestazzjoni bejn il-partijiet hu x´kien ikopri dan it-tali ammont ta´ elf Ewro (Eur 1000).

Dan it-Tribunal ħares lejn il-*quotation* ippreżentata mill-attur (a fol. 4) u nnota illi l-konvenut kiteb diversi *parts* illi jammontaw għal seba´ mija u tlieta u sittin Ewro (Eur 763) b´dan illi l-head grinding hu xogħol fejn pero´ trid tinuża magna apposta u kif ukoll hemm imniżżel l-ammont ta´ seba´ mija u ħamsin Ewro (Eur 750) għal xogħol ta´ *labour* b´dan illi l-ammont globali kellu jkun ta´ elf ħames mija u tlettax-il Ewro (Eur 1513.00) illi l-konvenut naqqas dan l-ammont sabiex jaqra elf u ħames mitt Ewro (Eur 1500.00).

Il-konvenut, Martin Chetcuti, xehed fil-31 ta´ Mejju 2022 illi "*Tax-xoghol seba´ mija u hamsin biss. Li ghamiltomlu giri biex insiblu l-ispare parts. Ghax kollox skars, dawk il-magni taghhom, ghax dawk illum ma ghadhomx jezistu. Kollox skars u hafna hassle biex sibthom*" (a fol. 19) u "*Hekk hu, il-prezz tal-labour huwa s-750...infatti ktibtlu labour till 23/10/19*" (a fol. 20). Il-konvenut a fol. 20 *et seq* spjega wkol dak ´l hekk imsejjaħ x´kien jikkonsisti u li turi biċ-ċar għaliex kiteb *labour* u *parts* pero´ illi fil-verita´ kien qed jiffiser għall-*labour*. L-attur, Paul Zammit, ukoll ammetta li sar xi xogħol fuq il-magna meta xehed fis-7 ta´ Novembru 2022 (a fol. 56) u fejn qal:
"*Dr. Maria Cardona: Jigifieri x-xoghol kien beda f´dak il-mument.*
*Xhud: Ix-xoghol beda b´magna zarmata imma.*
*Dr. Maria Cardona: Imma kien beda.*
*Xhud: Zarma l-magna...*"

Dan it-Tribunal allura jinnota illi l-konvenut kellu d-dritt illi jitħallas għal xogħol ta´ *labour* illi hu wettaq fuq il-magna *stante* illi kemm l-attur u l-konvenut jaqblu illi sar xogħol fix-xhieda tagħhom rispettivament. Dan it-Tribunal jinnota wkoll illi l-attur kien jaf illi x-xogħol tal-*labour* kien jammonta għal seba´ mija u ħamsin Ewro (Eru 750) b´dan illi fil-fatt hu xehed illi ivversa l-ammont ta´ elf Ewro (Eur 1000) lill-konvenut.

Biss pero´ dan it-Tribunal jinnota illi l-konvenut, Martin Chetcuti, xehed fil-31 ta´ Mejju 2022 illi kien biegħ il-*parts* u ma komplix bix-xogħol meta l-attur naqas illi jħallas il-kumplament

tal-flus fejn hu qal "*Infatti ghalhekk xtrajt il-parts jien biex inkompli naghmillu x-xoghol. Imma mbaghad ma giex bil-flus u jiena bieghet...ma stajtx..*" (a fol. 25). Għaldaqstant, dan it-Tribunal jinnota illi mitejn u ħamsin Ewro (Eur 250) li kienu tħallsu mill-attur, u li kienu jiffurmaw parti mill-elf Ewro (Eur 1000), kienu għal parti mill-ħlas tal-*parts* b´dan illi *stante* illi l-konvenut biegħ dawn il-parts, il-konvenut hu obbligat illi jħallas dan l-ammont ta´ mitejn u ħamsin Ewro (Eur 250) għaliex l-attur ma jistax jieħu lura dawn il-*parts* u min-naħa l-oħra wkoll, jekk il-konvenut iżomm dan l-ammont ta´ mitejn u ħamsin Ewro (Eur 250) ikun qed jarrikkixxi ruħu darbtejn a detriment tal-attur.

<u>L-ammont ta´ erba´ mija u ħamsin Ewro (Eur 450)</u>

L-ammont ta´ erba´ mija u ħamsin Ewro (Eur 450), skond l-attur hu għat-tliet magni illi jisabu fil-pussess tal-konvenut, fejn tnejn minn tlieta huma magna blu u magna ħamra illi kienu ingħataw mill-attur lill-konvenut sabiex il-konvenut ikun jista´ juża partijiet minnhom sabiex ikun jista´ jagħmel xogħol fuq il-magna 680 tad-ditta Leyland fuq xhiex kienet ingħatat il-*quotation* filwaqt li t-tielet magna kienet propju din il-magna li qamu l-punti ta´ kontestazzjoni fuqha.

Dan it-Tribunal innota illi l-attur kien talab lill-konvenut b´permezz ta´ ittra datata 19 ta´ Lulju 2021 (a fol. 3) sabiex il-konvenut jirritornalu dawn il-magni. Mix-xhieda kemm tal-attur (a fol. 42 sa 44) u anke tal-konvenut jidher illi dawn it-tali magni għadhom għand il-konvenut fil-bitħa (a fol. 22). Sa dan il-mument jidher illi l-konvenut għandu jħallas lill-attur ta´ dawn it-tali magni talli l-konvenut jidher li żammhom għandu. Biss pero´ l-attur xehed dwar il-magna blu li qed jippretendi l-flus stante illi issa "*Jiena uzu taghha ma ghandix issa*" (a fol. 43). Dwar il-magna ħamra ma jidhirx illi hemm referenza espliċita dwarha imma dan it-Tribunal jista´ jifhem illi l-attur qed jippretendi l-flus u mhux il-magna għax jidher illi ma hemmx użu tagħha għalih. Dwar il-magna li tifforma parti minn din il-kontestazzjoni, l-attur jikkontendi illi qed jippretendi l-flus u mhux ir-ritorn tal-magna *stante* illi "*Ghedtlu li bighejhta d-dghajsa jien*" (a fol. 31). L-avukat tal-attur ukoll qal fit-trattazzjoni finali illi "*Ahna qed nghidu r-rifuzjoni rriduha in monitory terms ghas-semplici raguni li l-magna kif inhi f-istat li hi...ghas-Sur Chetcuti taf ghandha valur ghax jista´ juzaha f´xoghol iehor; ghas-Sur Zammit m´ghandhiex valur*" (a fol. 58). Biss pero´ l-attur ma jistax jippretendi li ġja la darba m´għandux bżonn iktar dawn il-magni jippretendi illi l-konvenut bilfors irid ikun kostrett iħallsu flus minflok jirritornalu dawn il-magni. Fil-fatt, f´dan id-dawl tal-provi, dan it-Tribunal ma jemminx li l-konvenut ma kienx qal lill-attur biex imur jiġbor il-magni, hekk kif prova jallega l-attur a fol. 54.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jemmen illi l-sabiex jiddeċiedi b´mod ekwu jitlob lill-konvenut jirritorna lill-attur il-magni blu u ħamra bil-*parts* kollha kif waslu għandu fi żmien ġimgħatejn mid-data ta´ din it-tali sentenza, sakemm tali parts ma jkunux qegħdin parti mit-tielet magna b´dan illi f´dan il-każ allura l-*parts* xorta waħda ser jirritornaw għand l-attur mat-tielet magna u b´dan ukoll illi l-attur u l-konvenut iridu jiftiehmu fuq data tul dawn il-

ġimgħatejn sabiex l-attur imur jiġbor dawn il-magni mill-garaxx tal-konvenut. Għal kull buon fini, qed ikun iċċarat illi jrid jiġi rritornat lill-attur mill-konvenut il-magna blu bil-ħames pistons biss (a fol. 42 u 43) u l-magna l-ħamra bl-oil sump biss. Fir-rigward tat-tielet magna u li hi l-magna prinċipali ta´ din il-kawża, il-konvenut ukoll irid jirritorna tali magna lill-attur fi żmien ġimgħatejn mid-data ta´ din it-tali sentenza b´dan illi jista´ jkun illi tali magna m´għadhix anqas fl-istat li kienet għaliex għadda ż-żmien minn mindu l-attur intavola t-talba quddiem dan it-Tribunal. F´każ illi xi magna minnhom ma tkunx hekk irritornata fit-totalita´ tagħha indikat hawnhekk minħabba nuqqas tal-konvenut, il-konvenut irid iħallas l-ammont ta´ mija u ħamsin Ewro (Eur 150) għal kull magna mhux irritornata lill-attur jew mhux irritornata fil-kompletezza tagħha hekk kif indikat hawnhekk. F´ każ illi l-attur jonqos milli jiġbor dawn il-magni fi żmien ġimgħatejn mid-data ta´ din it-tali sentenza minħabba nuqqas tal-attur innifsu, l-attur jitlef id-dritt tal-ħlas u l-magni li ma jkunux inġabru.

Dan it-Tribunal jinnota illi l-ammont ta´ mija u ħamsin Ewro (Eur 150) jista´ ma jkunx korrett peress illi l-avukat tal-attur stess qal fit-trattazjoni finali illi ma nġiebet ebda prova dwar kemm verament tiswa´ kull magna (a fol. 57). Biss pero´ kif innota wkoll l-avukat tal-attur fit-trattazzjoni finali, ma qamet ebda kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut dwar kemm kull magna setgħet tiswa´ verament (a fol. 57) b´dan illi dan it-Tribunal ser japplika l-ammont ta´ mija u ħamsin Ewro (Eur 150) għal kull magna.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attur għall-ammont ta´ mitejn u ħamsin Ewro (Eur 250) illi jridu jitħallsu mill-konvenut bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data ta´ din is-sentenza.

Ukoll, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi illi l-konvenut jirritorna lill-attur il-magni blu u ħamra bil-*parts* kollha kif waslu għandu fi żmien ġimgħatejn mid-data ta´ din it-tali sentenza, sakemm tali *parts* ma jkunux qegħdin parti mit-tielet magna b´dan illi f´dan il-każ allura l-*parts* xorta waħda ser jirritornaw għand l-attur mat-tielet magna u b´dan ukoll illi l-attur u l-konvenut iridu jiftiehmu fuq data tul dawn il- ġimgħatejn sabiex l-attur imur jiġbor dawn il-magni mill-garaxx tal-konvenut. Għal kull buon fini, qed ikun iċċarat illi jrid jiġi rritornat lill-attur mill-konvenut il-magna blu bil-ħames pistons u l-magna l-ħamra bl-oil sump. Fir-rigward tat-tielet magna u li hi l-magna prinċipali ta´ din il-kawża, il-konvenut ukoll irid jirritorna tali magna lill-attur fi żmien ġimgħatejn mid-data ta´ din it-tali sentenza. F´każ illi xi magna minnhom ma tkunx hekk irritornata fit-totalita´ tagħha indikat hawnhekk minħabba nuqqas tal-konvenut, il-konvenut irid iħallas l-ammont ta´ mija u ħamsin Ewro (Eur 150) għal kull magna mhux irritornata lill-attur jew mhux irritornata fil-kompletezza tagħha hekk kif indikat hawnhekk. F´ każ illi l-attur jonqos milli jiġbor dawn il-magni fi żmien ġimgħatejn mid-data ta´ din it-tali sentenza minħabba nuqqas tal-attur innifsu, l-attur jitlef id-dritt tal-ħlas u l-magni li ma jkunux inġabru.

L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma nofs a kariku tal-attur u nofs a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur